**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA Tal-5 ta' April, 2001.**

**Citazzjoni numru 821/00GC**

**Maltacom p.l.c**

Vs

**Vogue Properties Ltd.**

**Il-Qorti;**

**Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-**

**Illi skond id-dokument relattiv hawn anness u markat "Dok A" kif wkoll skond ir-reagolamenti vigenti li jirreagolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), is-socjeta konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn , sitt mija u tnejn u erbghin Lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm2,642.10) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattiv ghal-linji bin-numri, tlieta, tlieta , tlieta sitta, disgha, wiehed (333691) tlieta, tlieta tlieta, sitta, disgha, tnejn (333692) tlieta, tlieta tlieta, sitta tmienja, disgha (333689), tlieta tlieta tlieta, sebgha, wiehed, tlieta (333713) skond il-prospett hawn anness u markat bhala dokument B;**

**Illi is-socjeta konvenuta ghalkemm interpellata biex thallas baqghet inadempjenti;**

**Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigwibbli;**

**Talbet lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:-**

1. **Tiddeciedai l-kawza skond it-talba tas-socjeta attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltija u ghaxar centezmia (Lm2642.10).**

**Bl-ispejjes, inkluzi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-ispejjes tal-ittra ufficcjali tat-23 ta' Frar, 1999, u bl-imghaxijiet kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;**

**Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;**

**Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-**

**artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;**

**Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.**

**Imhallef**

Dep. Reagistratur